MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 812/2001/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru:**
**810/2001 fl-ismijiet**
**Bank of Valletta p.l.c.**
**v.**
**Salvina Abela**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan hu appell, interpost permezz ta' rikors datat 30 ta' Mejju 2005, minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu dik il-Qorti

laqghet it-talba ta’ Salvina Abela, maghmula skond l-Artikolu 283A tal-Kap. 12, ghat-thassir “fl-intier tieghu” tal-mandat ta’ sekwestru numru 810/01 fl-ismijiet premessi, cioe` fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Salvina Abela**.

Permezz ta’ rikors ipprezentat mill-imsemmija Salvina Abela fil-11 ta’ Mejju 2001, l-istess Abela fissret illi s-socjeta` intimata (il-Bank of Valletta p.l.c.) kienet kisbet, fis-27 ta’ Marzu 2001, il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv kontra taghha (cioe` kontra l-istess Salvina Abela) wara sentenza moghtija mill-Prim Awla fil-21 ta’ Marzu 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Rudolph Xuereb noe v. Grezzju Abela** (citaz. nru: 751/1993AJM)[1]. Fissret ukoll li hija qatt ma kienet parti f’dawk il-proceduri – il-konvenut kien zewgha, Grezzju Abela – u li hi qatt ma kienet giet notifikata bihom. Spjegat ukoll fl-imsemmi rikors tal-11 ta’ Mejju 2001 li qabel ma nbdew dawk il-proceduri kontra Grezzju Abela hija kienet diga` legalment separata minn ma’ zewgha permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Dicembru 1991 fl-ismijiet **Sylvia Abela v. Grezzju Abela** (citaz. nru: 211/1991FD)[2]. Ir-rikorrenti Salvina Abela kompliet tfisser illi l-Artikolu 237 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jipprovdi li sentenza ma tista’ qatt tkun ta’ hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta’ l-awturi jew ta’ rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b’dik is-sentenza. Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, il-Bank of Valletta p.l.c. ma setax ifittex li jezegwixxi s-sentenza kontra taghha ladarba hi ma kinitx parti fil-kawza maqtugha b’dik is-sentenza, u l-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv mahrug kontra taghha ma kienx jiswa. Premess dan, hija talbet li l-Qorti tordna t-thassir tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru mahrug kontra taghha.

Il-Bank intimat – appellant f’dina l-istanza – irrisponda f’dan is-sens:-

1. Illi l-mandat ta’ sekwestru esekuttiv inhareg wara li l-istess sentenza msemmija fir-rikors (cioe` dik tal-21 ta’ Marzu 1994) giet reza ezegwibbli in forza ta’ digriet

[1] Ara kopja a fol. 3 ta’ l-atti.
[2] Ara kopja a fol. 6 ta’ l-atti.

moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Grezzju u Salvina mizzewgin Abela** (rikors nru 1903/00JRM)[3], u cjoe` f'isem ir-rikorrenti Salvina Abela wkoll;

2. Illi gialadarba r-rikorrenti kienet giet notifikata b'dawk il-proceduri, kien jispetta lilha semmai tissolleva l-aggravji msemmija fir-rikors odjern fl-atti ta' dawk il-proceduri ghall-awtorizazzjoni ta' l-ezekuzzjoni (rikors 1903/00JRM), u mhux f'dan l-istadju;

3. Illi bl-imsemmija proceduri r-rikorrenti giet notifikata skond il-ligi u baqghet ma ressqet l-ebda opposizzjoni ghall-istess;

4. Illi minkejja li r-rikorrenti ssostni li kienet legalment separata minn zewgha, ghandu jinghad illi anki mill-istess sentenza ta' separazzjoni jirrizulta illi bl-imsemmija separazzjoni ma gietx xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk l-istess komunjoni kienet ghadha legalment tezisti bejn ir-rikorrenti Salvina Abela u zewgha Grezzju Abela;

5. Illi s-sentenza li nghatat fil-21 ta' Marzu 1994 kontra Grezzju Abela kienet torbot il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn Grezzju Abela u Salvina Abela u ghalhekk fil-proceduri tar-rikors ghall-awtorizazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza li wasslet ghad-digriet tal-25 ta' Jannar 2001, ir-rikorrenti Salvina Abela kellha bilfors tigi inkluza fihom gialadarba l-amministrazzjoni straordinarja ta' l-imsemmija komunjoni u d-dritt li tigi mharrek tvesti liz-zewg konjugi konguntement (Art. 1322 tal-Kap. 16);

6. Illi l-gurisprudenza taghna f'dan ir-rigward hija issa ormai pacifika u saret riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet **Paul Gambina noe v. Emanuel Spiteri et** (citaz. nru 1178/95) deciza fil-15 ta' Mejju, 1998.

**Id-digriet appellat**

Kif inghad, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 810/01 in

[3] Ara kopja a fol. 18 ta' l-atti.

kwantu ddikjarat li s-sentenza moghtija fil-21 ta’ Marzu 1994 ma setghet qatt tkun ta’ hsara ghal Salvina Abela ghaliex kienet inghatat wara li dahlu fis-sehh l-emendi introdotti bl-Att XXI ta’ l-1993 u d-dejn kien jitratta dwar self li ha r-ragel minghand is-socjeta` appellanti (il-Bank) u ghalhekk kien att ta’ amministrazzjoni straordinarja, u bhala tali skond l-art. 1322 tal-Kodici Civili kien jitlob li jitharrku dwar dak is-self kemm il-mara kif ukoll r-ragel biex is-sentenza jkollha effett fil-konfront taz-zewg konjugi. Il-Prim Awla rriteniet ukoll illi l-mandat ta’ sekwestru hareg ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-21 ta’ Marzu 1994 – sentenza li nghatat wara proceduri li fihom Salvina Abela ma kienitx parti – u mhux ghall-ezekuzzjoni tad-digriet tal-25 ta’ Jannar 2001 – fejn issa hija kienet parti fil-proceduri.

**Il-fatti saljenti**

Tajjeb li f’dana l-istadju wiehed jirrikapitola, anke ghall-kjarezza tal-hsieb, il-fatti saljenti kif jemergu mid-dokumenti ezibiti:

1. Permezz ta’ kuntratt datat 13 ta’ April 1991 fl-atti tan-nutar Dr. Alexander Sciberras Trigona, Grezzju Abela kien ha self minghand is-socjeta` appellanti (il-Bank) fl-ammont ta’ Lm4,092.66,2.
2. L-appellata kienet isseparat minn ma’ zewgha Grezzju Abela permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Dicembru 1991 fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Abela v. Grezzju Abela**, *supra*. Fic-citazzjoni ma saret l-ebda talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghalhekk ma nghatat l-ebda ordni ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti (l-Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 dak iz-zmien, cioe` qabel l-emendi introdotti bl-Att XXI ta’ l-1993, ma kienx jezigi tassattivament l-ordni ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; kif dan l-artikolu kien dak iz-zmien kienet mehtiega talba ta’ wahda mill-partijiet, li f’dan il-kaz ma kienx hemm). F’dawk il-proceduri Grezzju Abela kien kontumaci.
3. Permezz ta’ sentenza moghtija fil-21 ta’ Marzu 1994 fil-kawza **Rudolph Xuereb noe v. Grezzju Abela**, *supra*,

Grezzju Abela gie kkundannat ihallas lill-Bank is-somma ta’ Lm4,092.66,2, oltre l-imghax legali mill-31 ta’ Marzu 1992 ghal facilitajiet bankarji li kien inghata. Anke f’dawn il-proceduri l-imsemmi Grezzju Abela baqa’ kontumaci.

4. Permezz ta’ digriet moghti fil-25 ta’ Jannar 2001 fl-atti tar-rikors numru 1903/00 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Grezzju u Salvina mizzewgin Abela,** il-Qorti regghet irrendiet is-sentenza tal-21 ta’ Marzu 1994 ezegwibbli.

5. Fis-27 ta’ Marzu 2001 il-Qorti ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru (numru 810/01) fl-ismijiet **Bank of Valletta v. Salvina Abela.**

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti Bank of Valletta p.l.c.**

L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma, bazikament, is-segwenti:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet **Rudolph Xuereb noe v. Grezzju Abela** (citaz. nru 751/93AJM) saret kontra Grezzju Abela biss, peress li sad-data tal-prezentata ta’ l-istess citazzjoni[4], ir-ragel kien jirraprezenta wahdu il-komunjoni ta’ l-akkwisti. Din kienet is-sitwazzjoni sa l-1 ta’ Dicembru 1993. Il-pretensjoni kienet tirreferi ghal self li kien ittiehed permezz ta’ kuntratt datat 13 ta’ April 1991 fl-atti tan-nutar Dr. Alexander Sciberras Trigona, u bhala tali huwa dejn tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Ic-citazzjoni gietipprezentata fil-21 ta’ Gunju 1993 meta r-ragel kien ghadu jirraprezenta wahdu l-komunjoni ta’ l-akkwisti. Ghalhekk, skond is-socjeta` appellanti, is-sentenza moghtija fil-21 ta’ Marzu 1994 kienet torbot il-komunjoni ta’ l-akkwisti.

2. Illi fil-25 ta’ Jannar 2001 kien inghata digriet mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu l-Qorti kienet sabet illi s-sentenza tal-21 ta’ Marzu 1994 tista’ tigi ezegwita kontra Grezzju Abela kif ukoll kontra Salvina Abela. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx, wara l-ghoti ta’ dak id-digriet, terga’ tidhol fil-materja, u tiddeciedi illi tali sentenza ma kienetx torbot il-komunjoni ta’ l-akkwisti. Id-

[4] 21 ta’ Gunju 1993 – ara l-kopja tac-citazzjoni ezibita mar-rikors ta’ appell, fol. 45.

digriet tal-25 ta' Jannar 2001 kien jorbot lill-Ewwel Qorti li min-naha taghha ma setghetx tmur lura fuq dak id-digriet u tinvestiga mill-gdid tali materja fil-procedura maghmula taht l-Artikolu 283A.

3. Illi l-appellata Salvina Abela kienet sahansitra intavolat rikors iehor sabiex titlob ir-revoka tad-digriet li kien inghata fil-25 ta' Jannar 2001 li ordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza kemm kontra zewgha kif ukoll kontriha, u liema talba giet michuda fl-24 ta' Ottubru 2002[5]

4. L-Ewwel Qorti donnha li waslet ghad-decizjoni taghha, mertu ta' dan l-appell, peress li skond hi l-mandat ta' sekwestru hareg biss bis-sahha tas-sentenza tal-21 ta' Marzu 1994 u mhux bis-sahha tad-digriet tal-25 ta' Jannar 2001. Is-socjeta` appellanti issostni li "…huwa a bazi ta' dik l-awtorizzazzjoni permezz tad-digriet tal-25 ta' Jannar 2001, ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-21 ta' Marzu 1994, illi setgha jinhareg…tali mandat."

5. Id-digriet tal-24 ta' Mejju 2005 mertu ta' dan l-appell huwa inkongruwu w inkonsistenti mad-digriet tal-25 ta' Jannar 2001. L-appellanti issostni li ma kienx possibbli ghall-Ewwel Qorti li tordna r-revoka tal-mandat skond l-Artikolu 283A, minhabba d-digrieti li nghataw fil-25 ta' Jannar 2001 u 24 ta' Ottubru 2002.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-kwistjoni kollha hi jekk is-sentenza moghtija fil-21 ta' Marzu 1994 torbotx ukoll lill-appellata. Huwa fatt mhux kontestat li l-kawza li wasslet ghal din is-sentenza saret u giet deciza kontra r-ragel biss.

Huwa inkontestat ukoll li s-self kien ittiehed qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi ta' l-1993[6], u meta giet intavolata l-kawza mis-socjeta appellanti[7], ir-ragel kien il-kap assolut tal-familja u kellu setghat kbar li jiehu decizjonijiet kif ukoll li jammistra l-proprjeta` akkwistata matul iz-zwieg. Huwa

[5] Ara kopja tad-digriet a fol. 27 ta' l-atti.
[6] Fl-1 ta' Dicembru 1993 permezz ta' l-A.L. 127/93.
[7] 21 ta' Gunju 1993.

kien il-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u bhala tali kien jitharrek wahdu. Meta mbaghad fl-1 ta' Dicembru 1993 dahlu fis-sehh l-emendi intizi biex jaghtu jeddijiet indaqs lin-nisa u l-irgiel, il-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar atti ta' natura straordinarja sar taz-zewg konjugi flimkien.

In forza ta' l-istess emendi li dahlu fis-sehh fl-1993, it-tehid ta' self gie klassifikat bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja. Bhala tali *"l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien"* (Art. 1322(2) b'referenza ghas-subartikolu (3)(f) tal-Kodici Civli, cioe` l-att ta' amministrazzjoni straordinarja li *"tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta' flus f'kont ta' bank"* – Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Pero` wiehed ma jistax ma jaghmilx riferenza – u hawn qieghed il-pern tal-kwistjoni, jew ahjar ic-cavetta ghas-soluzzjoni taghha – ghad-disposizzjoni tranzitorja ta' l-Att XXI ta' l-1993 – l-Artikolu 89 – li tipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' dak l-Att[8] ma kellhomx japplikaw, jew kellhom japplikaw b'modifikazzjoni, f'diversi sitwazzjonijiet. Hekk, il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Artikolu 89 jipprovdi testwalment illi:

***"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li gejjin, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att m'ghandhomx jolqtu…xi obbligazzjoni li tkun saret legittimament f'isem il-komunjoni ta' l-akkwisti qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att u kull responsabbilta` li tkun ittiehdet qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att li dak iz-zmien kienet piz fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll kull responsabbilta` fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att u skond xi ftehim li jkun sar qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att."***

U, aktar importanti, is-subartikolu (4) jkompli jipprovdi:

[8] Inkluz allura l-Art. 1322(3)(f) introdott permezz ta' Att XXI ta' l-1993.

***" Meta qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att tkun giet dikjarata mill-qorti separazzjoni legali bejn il-mizzewgin jew il-partijiet fiz-zwieg ikunu hekk ftehmu b'kuntratt u ma jkunx sar provediment ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, id-diposizzjonijiet ta' dan il-Kodici kif kien isehh qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ghandhom ikomplu japplikaw dwar dik il-komunjoni ta' l-akkwisti".*** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, kif diga` rajna r-ragel ta' l-appellata dahal fl-obbligazzjoni mas-socjeta` appellanti permezz ta' kuntratt tat-13 ta' April 1991 fl-atti tan-nutar Alexander Sceberras Trigona. Il-konjugi Abela sseparaw permezz ta' sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 1991. Permezz ta' dik is-sentenza ma nghata l-ebda provvediment dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, u kif jirrizulta minn qari tas-sentenza (fol. 6 – 10) l-appellata m'ghamlet l-ebda talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 89(4) ta' l-Att XXI ta' l-1993 ghall-fatti tal-kaz in dizamina, din il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk li l-Artikolu 1322(3)(f) kif introdott bl-imsemmi Att ma japplikax in kwantu fis-sentenza tas-separazzjoni ma nghata l-ebda provvediment dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti. Isegwi, ghalhekk, li skond dan l-Artikolu 89(4) il-provvedimenti l-antiki kellhom jibqghu japplikaw dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Grezzju u Salvina Abela. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, baqa' japplika l-Artikolu 1318 tal-Kodici Civli kif kien jaqra qabel l-emendi li dahlu fis-sehh fl-1993 u li kien jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, li:- ***"...il-jedd li jharrek jew li jigi mharrek dwar dawk l-akkwisti [imiss] lir-ragel…"***. B'hekk is-sentenza li nghatat fil-21 ta' Marzu 1994 kienet torbot ukoll lill-appellata u ma kien hemm l-ebda htiega li hija tigi mharrka sabiex is-sentenza tal-21 ta' Marzu 1994 ikollha effett fil-konfront taghha ukoll. Kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti, il-fatt li s-sentenza tal-21 ta' Marzu 1994 inghatat wara li dahlu fis-sehh l-emendi maghmula fil-Kodici Civili ma kien ibiddel xejn, in kwantu kienu ghadhom applikabbli fir-rigward tal-proprjeta` tal-konjugi Abela il-provvedimenti tal-Kodici Civili qabel gew

emendati bl-Att XXI ta' l-1993. Dan kollu qieghed jinghad, ovvjament, salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li l-appellata jista' jkollha fil-konfront ta' zewgha Grezzju Abela.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell interpost mis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. u konsegwentement thassar u tirrevoka d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Mejju 2005 fl-atti u fl-ismijiet premessi li ordna t-thassir tal-mandat ta' sekwestru numru 810/2001 tas-27 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Salvina Abela**, b'mod ghalhekk li qed jigi dikjarat li dak il-mandat ta' sekwestru ghadu, salv il-prorogi li talvolta kellhom isiru, fis-sehh.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------